**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Citta' Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Seduta** 05/13 tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013
**Data** 18/04/2013 fis-6.15pm
**Post** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Attendenza**

| | |
|---|---|
| Sindku Joe Attard | Preżenti |
| Viċi Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| Amanda Abela | Preżenti |
| Joan Agius | Preżenti |
| Claude Camilleri | Preżenti |
| Raymond Caruana | Preżenti |
| Sean Chircop | Preżenti |
| Stephania Fenech | Preżenti |
| Joseph Hales | Preżenti |

**Preżenti wkoll**
Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Prinċipal Caroline Schembri

**05. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 1. 1 | | Proponent: Viċi-Sindku Sekondant: Fenech | **Il-minuti 04/13 inqraw u ġew approvati b'dawn il-korrezzjonijiet:-** | |
| 05. 1. 1 i | 04.9.4 | Minflok 'Triq Marrubja', jidħlu l-kliem 'Triq Faqqus'. | | |
| 05. 1. 2 | | **Wara il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**05. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 2. 1 | 04.3.3.1 | Agius: Ħsara fuq vettura fi Sqaq San Anard | Agius staqsiet jekk kienx hemm follow up ta' dan il-każ. Ġie spjegat li għalkemm sar kuntatt ma' l-avukata s'issa għadna ma irċevjniex risposta jekk l-inċident seħħx fi Triq jew Sqaq San Anard. | Segretarjat |
| 05. 2. 2 | 04.3.3.ii | Caruana: Pelican Lights fi Triq Salvu Cacciattolo | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex il-każ tal-pelican lights fi Triq Salvu Cacciattolo jiġi trattat bħala wieħed urġenti. Is-Sindku spjega li dwar dan il-każ ilna niktbu s-snin. Caruana talab sabiex issir sleeping policeman fi Triq Salvu Ciaccotolo qabel tidħol għal Ġebel San Martin. Is-Sindku spjega li hija policy tal-Kunsill li f'toroq wesgħin ma jsirux sleeping policeman. | Sindku |
| 05. 2. 3 | 04.4.1 | Sindku: Żvilupp PA00946/13 | Is-Sindku spjega li ingħatat l-informazzjoni li tlabna dwar dan l-iżvilupp. Il-class number tal-ħanut huwa Class 4 u l-iżvilupp ser isir fi Triq Felicia Abela. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 05. 2. 4 | 04.4.3 | Camilleri: Tabelli fi Triq Nikol Attard | Camilleri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li t-tabelli tan-no heavy signs twaħħlu iżda diġa' ġarrbu xi ħsara fejn saħansitra waħda minnhom inqalgħet minn vettura. Għaldaqstant ser tittieħed azzjoni sabiex din terġa' titwaħħal. | Sindku |
| 05. 2. 5 | 04.4.8 | Sindku: Żvilupp PA00953/13 | Is-Sindku spjega li mhux indikat id-dħul tal-garaxxijiet u għalhekk ser inressqu oġġezzjoni. | |
| 05. 2. 6 | 04.6.2 | Agius: Purtieri fis-sular ta' fuq tal-Kunsill Lokali | Agius staqsiet jekk il-purtieri fis-sular ta' fuq humiex ser jidħlu mal-proġett li ser isir fuq il-manutenzjoni tad-dar tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li naraw kif ser inkunu fil-baġit. Is-Sindku inkariga lil Chircop sabiex jitkellem mas-Sur Anthony Spagnol sabiex jagħti stima għar-restawr tal-pittura fil-bini tal-Kunsill. | Sindku |
| 05. 2. 7 | 04.7.1 | Fenech: Dekasteri | Il-Kunsilliera Fenech stqarret li qed tirrinunzja għar-responsabilta' tad-dekasteri mogħtija lilha għax xtaqet li tibqa' kif kienet fil-Kunsill preċedenti. | Sindku |
| 05. 2. 8 | 04.8.1 | Viċi-Sindku: Child Care Expression of Interest | Il-Kunsilliera Agius qamet minn mal-mejda minħabba kunflitt ta' interess. Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar il-progress tac-Child Care Centre. Is-Sindku spjega li tlabna u ingħatajna l-istandards tac-ChildCare u jidher li l-Kunsill qiegħed josserva dawn l-istandards. Hemm qbil fuq il-prezzijiet etc. Il-Viċi-Sindku irrimarkat li fl-expression of interest sottomessa ma kienx hemm breakdown ta' l-ispejjez bħal per eżempju l-bonuses ta' l-impjegati, il-kontribuzzjoni tas-sigurta' soċjali, it-tindif etc. Il-heading utilities kien vag ħafna. Il-Kunsilliera Fenech staqsiet hux ser tinħareġ sejħa għall-offerti oħra. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | Sindku |
| 05. 2. 9 | 04.9.4 | Sindku: Yellow lines fi Triq il-Faqqus | Is-Sindku spjega li mar fuq il-post iżda il-linji ma setgħux isiru. Is-Sur Duca ser jerġa jiġi ikkuntattjat biex jagħti spjegazzjoni fejn irid il-linji. | Sindku |
| 05. 2. 10 | 04.9.8 | Caruana: Bozza perikoluza fi Triq Beland | Il-Kunsillier Caruana rringrazzja lis-Sindku għax il-ħsara fuq il-bozza fi Triq Beland, issewwiet. | Sindku |
| 05. 2. 11 | 04.9.13 | Sindku: Artwork billboard TCTC | Is-Sindku talab sabiex l-artwork għall-billboard tat-TCTC għandu jasal il-Kunsill fl-aqsar żmien possibli. **Il-Kunsill qabel nem.con li meta l-billbaord ma jkunx qed jintuża għandha issir background ta' 'Merħba Zejtun'.** | Camilleri |
| 05. 2. 12 | 04.9.14 | Camilleri: Un/loading bay fi Triq San Girgor | Camilleri rringrazzja lis-Sindku peress li ż-żebgħa un/loading ta' Triq San Girgor saret. | Sindku |

**05. 3.** **Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML05/13. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 3. 1 | 03 | MEPA: Mobile Air Monitoring Unit | **Il-Kunsill approva li l-MEPA temporanjament tagħmel mobile air monitoring unit ieħor ħdejn dak eżistenti.** | |
| 05. 3. 2 | 05 | Spettur A. Mercieca: Karozzi Mitluqa u abbandunati | **Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel li għandha tissejjaħ laqgħa mal-Kummissajru tal-Pulizija sabiex jiġu ċċarati ċertu punti speċjalment dwar l-iscrap tal-vetturi li għandhom ċitazzjonijiet pendenti u tinstab soluzzjoni viabbli għall-Kunsill. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk jinħass il-bżonn għandha tinħareġ sejħa għall-offerti.** | |
| 05. 3. 3 | 06 | TM: Trasport Pubbliku fiż-Żejtun | **Il-Kunsill qabel li ser jaħdem sabiex it-trasport pubbliku fiż-Żejtun jerġa' jiġi kif kien qabel l-introduzzjoni tar-rotot il-ġodda f'Lulju ta' sentejn ilu. Il-Kunsill ser jinsisti sabiex ir-rotta 84 tgħaddi minn Paola u ir-rotot 206 u 210 meta tiġi lura mill-isptar tgħaddi minn Triq San Girgor u Triq President Anton Buttiġieġ. Għandu jinstab mezz sabiex dawn iż-żewġ rotot jgħaddu minn G'Mangia u meta jaslu Mater Dei, dawn jinżlu sa l-Universita. Fuq proposta tal-Kunsillier Hales, il-Kunsill qabel ukoll li issir ir-ri-introduzzjoni tar-rotta nru. 30 li tibqa sejra Wied il-Għajn. Dan ifisser li r-rotta għandha tkun hekk: Valletta/Zejtun/San Tumas/M'Skala.** Il-Kunsillier Chircop talab sabiex jinbidlu l-ismijiet tal-bus stops li ma jinftemuhx filwaqt li Hales talab sabiex dawn isiru numerati. | Hales |
| 05. 3. 4 | 10 | B. Craus: Talba għal Xogħlijiet fl-iskola primarja | Inqrat l-ittra tas-Sur Craus fejn dan bħala Kap ta' l-Iskola qed jitlob għaldiversi xogħlijiet fl-iskola. Is-Sindku spjega li dwar it-tapit tal-Kindergarten ktibna iżda s'issa għadna ma wasalniex. Għaldaqstant il-Kunsillier Camilleri talab sabiex tinkiteb ittra lill-Ministru. Il-Kunsill qabel li issir laqgħa għall-ġenituri li uliedhom bniet qegħdin year 5 sabiex tittieħed l-opinjoni tagħhom dwar il-fatt li studenti Żwieten qed jintbagħtu Santa Luċija wara li jlestu l-iskola primarja. Il-Kunsilliera Agius talbet ukoll sabiex tingħata lista ta' gradwati Żwieten. Din it-talba ser issir lill-Ministru. | Camilleri |
| 05. 3. 5 | 12 | C. Borg: Użu ta' billboard tal-Kunsill | Il-Kunsill innota li l-billboard ta' Vjal 25 ta' Novembru mhumiex billboard kummerċjali iżda jintuża esklussivament għall-attivitajiet tal-Kunsill Lokali. | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. 3. 6 | 14 | J. Mifsud: Posta Nru50 | **Il-Kunsill approva t-trasferiment ta' posta nru 50 hekk kif mitlub peress li skond il-liġi din tintieret minn missier għal iben.** | Sindku |
| 05. 3. 7 | 15 | B. Craus: Parking taħt it-tinda fi Triq Sant'Anġlu | **Il-Kunsill qabel li mhu ser imiss xejn u kollox għandu jibqa' kif inhu preżentement.** | Sindku |
| 05. 3. 8 | 17 | Skola Primrja A: FunWalk | Il-Kunsill ordna s-servizz ta' pulizija għall-funwalk li ser tkun oganizzata mill-iskola primarja A nhar it-30 ta' April. | Camilleri |
| 05. 3. 9 | 19 | A.Abela: Underground bring in site | Is-Sindku spjega li l-Greenpak ikkuntattjaw lill-WasteServ dwar il-problema ta' leak fl-underground bringinsites ta' Ġnien Brejġu. Dwar in-notice 'out of service', is-Sindku informa lill-Kunsilliera Abela li dawn tlestew u ser jiġu mwaħħla fuq il-post. | Abela |
| 05. 3. 10 | 20 | St. Margaret College Girls: Stedina għal Spanish Day | Is-Sindku laqa' l-istedina tal-Kulleġġ Santa Margerita. Ser tinġieb iktar informazzjoni dwar il-ħin ta' l-attivita'. | Sindku |
| 05. 3. 11 | 23 | Skola Tereza Nuzzo: Għeluq ta' Triq San Pawl | **Il-Kunsill qabel li tingħalaq Triq San Pawl quddiem l-iskola Tereza Nuzzo waqt il-ħin tal-ħruġ ta' l-iskola.** Għaldaqstant ser issir talba quddiem TM. | Sindku |
| 05. 3. 12 | 24 | Għaqda Mużikali Beland: Tindif u Manutenzjoni ta' Triq Ħal Tarxien | Dwar it-talba ta' l-Għaqda Mużikali Beland sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-wiċċ ta' Triq Ħal Tarxien, is-Sindku spjega li din it-triq tinħtieġ wiċċ ġdid u din it-triq hija triq li spiċċat kompletament. Din hija waħda minn dawk it-toroq li nbnew madwar 35 sena ilu u fl-aħħar 5 snin iddeterjoraw ħafna. Il-Kunsill, ressaq it-talba għar-resurfacing ta' Triq Ħal Tarxien quddiem l-awtoritajiet. Rigward it-tindif, il-Kunsillier Hales informa lill-Kunsill, li dan ser jibda nhar it-Tnejn li ġej. | Sindku<br>Hales |

**05. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 04/13 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 05. 4. 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 04/13 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 04/13 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 05. 4. 2 i | | Il-Kunsill approva wkoll il-ħlas tas-Sur Emanuel Zammit ta' Eur200 għal tqassim ta' magazines tal-Kunsill Lokali. | | |
| 05. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 05/13 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |

**05. 7. Affarijiet Oħra hekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 7 | 1 | Camilleri: Jum il-Premjazzjoni fl-iskejjel | Camilleri staqsa jekk l-iskejjel li fihom jattendu studenti Żwieten, hux ser jibqgħu jingħataw kotba sabiex jiġu preżentati f'Jum il-Premjazzjoni. Ir-risposta kienet fl-affermattiv. | Camilleri |
| 05. 7 | 2 | Viċi-Sindku: Knis | Il-Viċi-Sindku irċeviet ilmenti dwar nuqqas ta' knis fi Triq Santu Wistin filwaqt li l-kunsilliera Abela irċeviet ilmenti dwar Triq A. Cachia Zammit. Hales spjega li bil-kuntratt il-ġdid ir-rotot ġew ridotti u għalhekk Triq Santu Wistin issir darba fil-ġimgħa filwaqt li Triq Cachia Zammit tinkines 3/4 fil-ġimgħa. | Hales |
| 05. 7 | 3 | Viċi-Sindku: Attivita' Jum l-Omm | **Il-Kunsill qabel li ssir zjara fiż-Żejtun Home għall-okkażjoni ta' Jum l-Omm u dawn jingħataw xi ħaġa żgħira għall-okkażjoni.** | Viċi-Sindku |
| 05. 7 | 4 | Viċi-Sindku: Gym | Il-Viċi-Sindku irċeviet ilmenti dwar ħmieġ fil-sala ta' fejn isiru l-aerobics. Is-Segretarjat spjega li dan huwa inkluż fil-lista tax-xogħlijiet regolari li ġew riveduti m'ilux. Il-Kunsilliera Fenech ġibdet l-attenzjoni dwar ir-riħa ta' drenaġġ fil-bini tat-tribunal kif ukoll fil-gym. | |
| 05. 7 | 5 | Viċi-Sindku: Arblu faċċata tad-Dar ta' l-Anzjani | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar arblu tal-cable li qed jinqata minn taħt, faċċata tad-Dar tal-Anzjani. Il-Kunsillier Chircop talab sabiex arblu tad-dawl f'din iż-żona jiċċaqlaq peress li qed ikun lok ta' inċidenti tat-traffiku. | Segretarjat |
| 05. 7 | 6 | Viċi-Sindku: Triq Falkunier/Triq Fieres | Il-Viċi-Sindku ġabet quddiem il-Kunsill rapport dwar użu ta' parking bays fi Triq Falkunier/Triq il-Fieres minn karozzi għal bejgħ li qed ikun ta' inkonvenjent għar-residenti li joqgħodu fl-inħawi u ma jsibux jipparkjaw. Fenech ġibdet l-attenzjoni dwar trailers li qed jillikkjaw iż-żejt fi Triq il-Fieres. Dwar dawn ser tinkiteb ittra lill-pulizija. | |
| 05. 7 | 7 | Viċi-Sindku: Vann ta' l-anzjani fi stat ħażin | Il-Viċi-Sindku ser tagħmel kuntatt mad-Direttriċi tad-Day Centre minħabba ilmenti dwar l-istat li jinsab fih il-vann li jitrasporta l-anzjani minn St Vincent de Paule għad-Day Centre. | Viċi-Sindku |
| 05. 7 | 8 | Vċii-Sindku: rampa fiċ-ċimiterju Santa Katarina | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex issir rampa fiċ-ċimiterju ta' Santa Katarina. Is-Sindku inkariga lill-kunsillier Caruana sabiex ikellem lill-Arċipriet. | Caruana |

**05. 5.** **Rapporti ta' Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 5. 1 | | Sindku: Misraħ Kanonku Giovanni Vella | Is-Sindku rraporta lill-Kunsill li bħalissa qed isir xogħol ta' tisbiħ f'Misraħ Kanonku Giovanni Vella. **Il-Kunsill qabel li f'din il-pjazza isiru erba' bankijiet bis-saqajn tal-konkrit għal prezz ta' Eur250 -il wieħed.** | Sindku |
| 05. 5. 2 | | Sindku: Triq Strejnu | Is-Sindku spjega li sa l-aħħar ta' din il-ġimgħa ser jitlesta d-drenaġġ in-naħa ta' San Niklaw filwaqt li n-naħa tal-picnic area minbarra l-main tad-dawl ser jitpoġġew 3 pajpijiet ta' 3 pulzieri minħabba s-servizzi. | Sindku |
| 05. 5. 3 | | Segretarjat: Rapport Finanzjarju Jannar-Marzu 2013 | Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport finananzjarju ta' l-ewwel kwart tas-sena, iġifieri Jannar-Marzu 2013. Huwa spjega fid-dettal id-dħul u l-ħruġ ta' dan il-kwart. L-iżbilanċ għal dan il-kwart tas-sena huwa ta' Eur3,000. **Il-Kunsill approva dan ir-rapport u għalhekk is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw dan ir-rapport.** | Sindku<br>Segretarju Ezekuttiv |
| 05. 5. 4 | | Segretarjat: Sena Finanzjarja 2012 | Is-Segretarju Ezekuttiv spega lill-Kunsill li wara li l-accounts marru għand l-Awditur Ġenerali, dan ta' l-aħħar irrimarka li jrid isir audit adjustment minħabba d-depprezzament tal-Public Private Partnership li dan jammonta għal Eur72,000. Għaldaqstant is-sena 2012 għalqet b'bilanċ ta' Eur80,000. | Sindku<br>Segretarju Ezekuttiv |

**05. 6.** **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 6. 1 | | Peoponent: Chircop<br>Sekondant: Agius | **Il-Kunsill qabel nem.con li jiġi rinovat is-sit elettroniku ufffiċjali tal-Kunsill Lokali Żejtun u għalhekk ser tinħareġ kwotazzjoni.** | Chircop |
| 05. 6. 2 | | Proponent: Camillieri<br>Sekondant: Agius | **Il-Kunsill qabel nem.con li matul is-Sajf jiġu organizzati korsijiet edukattivi għat-tfal fl-Ingliż, Malti u Story Telling.** | Camilleri |
| 05. 6. 3 | | Proponent: Hales dwar kiosk ta' l-ikel fi Triq il-Ħelsien matul il-ġimgħa tal-festa tal-lokal | Is-Sindku spjega li hu tkellem mas-Sur Fenech, resident fi Triq il-Ħelsien, fejn dan stqarr li ma jsib l-ebda problema li l-kiosk ta' l-ikel titpoġġa fil-kantuniera. Il-Kunsilliera Agius semmiet li fi snin preċedenti l-Kunsill kien ġie ikkritikat li kien ingħalaq l-aċċess għall-persuni b'dizabilita'. Għaldaqstant ser issir spezzjoni fuq il-post sabiex tissolva din il-problema. Agius staqsiet ukoll jekk il-problema tal-kiosk tapplikax ukoll għal Zejt iz-Zejtun. Ir-risposta kienet fin-negattiv peress li l-kiosk tkun armata għal ġurnata waħda biss. | Sindku<br>Viċi-Sindku<br>Hales |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 7 | 9 | Viċi-Sindku: Proġett e-anzjan | **Il-Kunsill approva li l-kumpanija TCTC bi sħab mal-Kunsill lokali tagħmel il-proġett e-anzjan fid-Dar ta' l-Anzjani. Dan huwa proġett finanzjat mill-Unjoni Ewropea fejn id-Dar ta' l-anjzani ser jingħataw 3 kompjuters, tablet, internet connection ghal 6 xhur u training course għall-anzjani. Il-Kunsill mhu ser jidħol fl-ebda spejjeż. Il-launch ta' dan il-proġett ser ikun fit-18 ta' Mejju. Għaldaqstant ser tinkiteb ittra lid-Dar ta' Anzjani. Il-Kunsilliera Agius qalet li dan il-proġett kien inbeda fl-amministrazzjoni preċedenti.** | Viċi-Sindku |
| 05. | 7 | 10 | Agius: Attivitajiet | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li l-kids club qed jiltaqa' kull nhar ta' Sibt bejn it-3 u l-5pm fic-Child Day Care Cente. Nhar is-Sibt 27 ta' April, ser isir hike għat-tfal u l-familja. Fl-okkazjoni ta' Jum l-Omm ser isir coffee morning nhar it-8 ta' Mejju filwaqt li fil-weekend ta' Jum l-Omm ser isir weekend break fit-Topaz Hotel għall-prezz ta' Eur65 kull persuna. Nhar l-4 ta' Mejju bejn l-10.00/10.30am ser isir l-għeluq u l-launching tal-proġett Tfal Jadottaw Anzjan. **Il-Kunsill approva li fit-3 ta' Novembru 2013 isir użu mill-Ġnien San Girgor sabiex issir l-attivita' ta' fund raising għal Tfal ta' l-Appoġġ**. Il-Kunsilliera Agius ħeġġet ukoll lill-kunsilliera sabiex jieħdu sehem fl-attivita' li ser issir il-Ħadd li ġej b'risq dan il-fund. | Agius |
| 05. | 7 | 11 | Agius: Kalendarju Lokali | **Il-Kunsill qabel li niktbu lill-għaqdiet lokali sabiex jinġabar kalendarju lokali.** | Segretarjat |
| 05. | 7 | 12 | Agius: Bankina fi riq San Girgor | Il-Kunsilliera Agius reġgħet ġibdet l-attenzjoni dwar il-bankina ta' Triq San Girgor quddiem l-istationery. Dan peress li meta jsir ipparkkjar ta' coaches, ma jgħaddux zewġ karozzi f'direzzjoni opposta. Is-Sindku ta spjegazzjoni dettaljata ta' x'ogħol jinħtieġ li jsir sabiex din il-problema tissolva. | Sindku |
| 05. | 7 | 13 | Agius: Kampanja Edukattiva għat-Tfal | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li reġa' wasal iz-zmien li terġa' issir kampanja edukattiva fost it-tfal dwar ir-regolamenti tat-traffiku. **Il-Kunsill qabel.** | Agius |
| 05. | 7 | 14 | Agius: Żejt iż-Żejtun 2013 | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li din is-sena l-attivita' annwali Żejt iż-Żejtun ser tiġi ċelebrata bejn it-28 u 29 ta' Settembru. L-attivita' Notte Bianca suppost ser issir fl-ewwel Sibt ta' Ottubru iżda s'issa għadha ma tħabbritx uffiċjalment. | Sindku Agius |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 7 | 15 | Agius: L-isem ta' Misraħ Dom Mintoff | Il-Kunsilliera Agius talbet fhiex waslet il-proposta ta' l-isem ta' Misraħ Dom Mintoff. **Il-Kunsill qabel li għandu jikteb il-Bord il-ġdid.** | Hales |
| 05. | 7 | 16 | Camilleri: Triq Orazio Diacono | **Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-Ministru tat-Toroq dwar l-għargħar ta' Triq Orazio Diacono sabiex din il-problema tissolva.** | Sindku |
| 05. | 7 | 17 | Camilleri: Triq Orazio Diacono | **Il-Kunsill qabel li jikteb lis-Sanita' dwar ipparkjar ta' scammels fi Triq Orazio Diacono li qed ikunu ta' inkonvenjent għar-residenti.** | Segretarjat |
| 05. | 7 | 18 | Camilleri: Rampa fil-Bus Terminus | Camilleri reġa' fakkar dwar il-bżonn ta' rampa fil-Bus Terminus f'Misraħ Carlo Diacono filwaqt li talab sabiex titneħħa ż-żebgħa tal-bus stop li hemm fi Vjal 25 ta' Novembru k/m Misraħ Carlo Diacono. | Sindku |
| 05. | 7 | 19 | Caruana: Ilma qiegħed fi Triq Ħal Ġwann | Il-Kunsillier Caruana ġab quddiem il-Kunsill il-problema ta' ilma qiegħed fi Triq Ħal Ġwann. | Sindku |
| 05. | 7 | 20 | Caruana: Parking space fi Triq l-Isqof Zahra | Il-Kunsillier Caruana talab lill-Kunsill jikkunsidra li jneħħi parking space minn Triq l-Isqof Zahra. | Sindku |
| 05. | 7 | 21 | Caruana: Trejqet is-Sagħtar | Caruana ġab quddiem il-Kunsill il-problema ta' residenti fi Trejqet is-Sagħatar li jidħilhom l-ilma tax-xita ġewwa. | Sindku |
| 05. | 7 | 22 | Caruana: Railing fi Triq il-Kostituzzjoni | Il-Kunsillier Caruana talab li jsir railing fil-kantuniera ta' Triq il-Kostituzzjoni man-naħa ta' Mrs Borg minħabba t-tfal tal-mużew li jaqsmu għal Ħerba. Is-Sindku fakkar li hemmhekk hemm rampa. | Sindku |
| 05. | 7 | 23 | Caruana: Corrosion tal-fanali tal-Pjazza | Il-Kunsillier Caruana ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-corrosion tal-fanali taz-zuntier tal-Knisja. | Sindku |
| 05. | 7 | 24 | Caruana: WIFI fl-għassa tal-pulizija | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex isir WIFI connection fl-għassa tal-pulizja. Is-Sindku spjega li din it-talba għandha issir quddiem il-Ministru ta' l-Intern. | |
| 05. | 7 | 25 | Chircop: Trejqet Litfija | Il-Kunsillier Chircop talab għal bozza ġdida fi Trejqet Litfija u Trejqet is-Sagħtar. Is-Sindku spjega li fi Trejqet il-Litfija hemm problema peress li mhemmx ma fejn tqabbad. Huwa talab ukoll sabiex l-isem ta' Trejqet il-Litfija isir ħdejn dak ta' Mogħdija Żgħożija. Hales qal li jekk jiċċaqlaq isem ta' triq waħda, ikollna inċaqilqu l-ismijiet kollha. | Sindku |
| 05. | 7 | 26 | Chircop: Triq M'Xlokk | Il-Kunsillier Chircop ressaq quddiem il-Kunsill talba tar-residenti sabiex il-one way sign fi Triq M'Xlokk k/m Triq President Anton Buttiġieġ issir fuq arblu u kif ukoll issir sleeping policeman minħabba l-veloċita' li jgħaddu biha l-karozzi f'din it-triq. | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 7 | 27 | Chircop: Kanun | Chircop talab sabiex jintrabat il-kanun li hemm f'Misraħ Girgor Bonici. Is-Sindku ser jara x'xogħol hemm bżonn isir biex dan il-kanun jintrabat. | Sindku |
| 05. | 7 | 28 | Hales: Tenders | Il-Kunsillier Hales talab sabiex is-sejħiet għall-offerti ikunu online. Dini it-talba ġiet milqugħa. | Segretarjat |
| 05. | 7 | 29 | Hales: Korrispondenza tal-Kunsill | Hales talab sabiex il-korrispondenza tal-Kunsill tkun computer scanned. Din ser tkun diskussa mas-segretarjat sabiex jinstab computer programme adattat. | Segretarjat |
| 05. | 7 | 30 | Hales: Laqgħat tal-Kunsill | **Il-Kunsill qabel li l-laqgħat tal-Kunsill għandhom isiru kull tliet ġimgħat.** | Sindku |
| 05. | 7 | 31 | Hales: Reserved parking fi Triq l-Isqof F. Mattei/ Triq Toni Zahra | Hales irraporta lill-Kunsill sabiex titneħħa reserved parking minn Triq l-Isqof Ferdinand Mattei kantuniera ma' Triq Toni Zahra . Is-Sindku inkariga lill-Viċi-Sindku sabiex issegwi l-każ. | Viċi-Sindku |
| 05. | 7 | 32 | Hales: Dawl fil-latrina ta' l-irgiel u nisa | **Il-Kunsill qabel li għandu jsir xogħol ta' modifikazzjoni fuq id-dawl fil-latrina ta' l-irġiel u nisa ta' Misraħ ir-Repubblika** | Hales |
| 05. | 7 | 33 | Hales: Bins on wheels attivitajiet | Il-Kunsill qabel li ma jipprovdix iktar bins on wheels għal waqt l-attivitajiet ta' l-għaqdiet lokali. | |
| 05. | 7 | 34 | Sindku: Attivitajiet | Is-Sindku informa lill-Kunsill li nhar il-21 ta' April ser isir carboot sale min-naħa tal-Parroċċa filwaqt li fit-28 ta' April ser issir car show mill-Għaqda Banda Żejtun. | |
| 05. | 7 | 35 | Abela: Triq President A. Buttigieg | Il-Kunsilliera Abela rringrazzjat lis-Sindku għal xogħol li sar fuq id-drainage cover fi Triq President Anton Buttiġieġ quddiem Lasco. Hija staqsiet dwar il-progress tas-service road fl-istess triq. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ilu jisħaq li din it-triq għandha ssir bħal bypass ta' Ħal Għaxaq. | |
| 05. | 7 | 36 | Abela: Dekasteru - Statistika | Abela staqsiet x'tinvolvi l-ħidma fid-dekasteru ta' l-istatistika. Is-Sindku spjega li l-istatistika tista' tinvolvi ħafna oqsma bħal per eżempju: anzjani, tfal etc | Abela |
| 05. | 7 | 37 | Fenech: Misleading road signs | Fenech talbet lill-Kunsill sabiex jiġu rranġati sinjali tat-traffiku li jistgħu ikunu ta' xkil għas-sewwieqa fit-traffic island qabel tidħol f'Ġebel San Martin. **Il-Kunsill laqa' din it-talba.** | Sindku |
| 05. | 7 | 38 | Segretarju Ezekuttiv: ETC Courses | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera dwar korsijiet li qed toffri l-ETC li jistgħu ikunu utli għalihom. Huwa spjega l-proċess ta' applikazzjoni li għalkemm mhumiex miftuħin apposta għalihom xorta waħda hemm mezz biex wieħed jieħu sehem f'dawn il-korsijiet. | |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.20pm. Laqgħa oħra tal-Kunsill Lokali ser issir nhar il-Ħamis 9 ta' Mejju, 2013 fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali fis-Sala Mikiel Cachia fis-6.00pm

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv